MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta ta' l-4 ta' Ottubru, 2012

Numru 47/2009

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**v.**

**Joseph sive Josef Grech**

**Il-Qorti**:

**1.** Dan hu appell minn decizjoni tal-Qorti Kriminali moghtija minn dik il-Qorti fil-21 ta' Gunju 2011 dwar l-eccezzjonijiet preliminari ta' l-akkuzat. L-akkuzat appella minn dik is-sentenza b'rikors intavolat fl-24 ta' Gunju 2011.

**2.** Joseph sive Josef Grech kien akkuzat, permezz ta' Att ta' Akkuza pprezentat mill-Avukat Generali fit-30 ta' Novembru 2009 (nru 47/2009) li: (1) dolozament, bil-hsieb li joqtol persuna jew bil-hsieb li jqieghed il-hajja taghha f'periklu car, wera dan il-hsieb b'atti esterni u kkagunalha l-mewt; (2) fil-hin li kien qed jaghmel delitt kontra l-persuna, u cioe` omicidju volontarju fuq il-persuna ta' Patricia Attard, kellu fuq il-persuna tieghu xi arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni ta' arma tan-nar jew imitazzjoni ta' arma regolari u ma kienx qieghed igorr dik l-arma tan-nar jew arma regolari ghal xi ghan legittimu; (3) minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija, kellu fil-pussess jew kontroll tieghu, jew kellu f'idejh jew fuqu, xi arma tan-nar jew munizzjoni barra minn fond jew post li jaghmel mieghu,u ma kienx hemm il-bzonn attwali tad-difiza legittima tieghu nnifsu jew ta' haddiehor; (4) assocja ruhu ma' xi persuna jew persuni f'Malta jew barra minn Malta bil-ghan li jaghmlu delitt f'Malta li ghalih hemm il-piena ta' prigunerija, u li ma jkunx delitt taht l-Att dwar l-Istampa, u cioe` li bil-hsieb li joqtol persuna jew bil-hsieb li jqieghed il-hajja taghha f'periklu car, wera dan il-hsieb b'atti esterni u kkagunalha l-mewt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta` tal-hati;

**3.** Fir-rikors ta' appell tieghu ta' l-24 ta' Gunju 2011 l-appellant talab li din il-Qorti tannulla s-sentenza appellata u taghti dawk id-direttivi kif mehtieg u dan a tenur ta' l-artikolu 499(6) tal-Kodici Kriminali;

**4.** Permezz tan-nota ta' eccezzjonijiet tieghu tat-23 ta' Dicembru 2009 l-appellant ta avviz ta' erba' eccezzjonijiet immarkati A, B, C u D rispettivament izda permezz ta' nota datata 5 ta' Frar 2010 irtira l-eccezzjonijiet immarkati B u C. L-eccezzjonijiet immarkati A u D li gew decizi mill-ewwel Qorti huma s-segwenti:

"A. Illi r-Raba' Kap tal-Att ta' Akkuza huwa monk stante li l-elementi kostitutivi tad-delitt de quo ma humiex imsemmija skond il-ligi u lanqas ma gew migjuba 'l quddiem la fil-parti narrativa wisq u wisq anqas fil-parti akkuzatorja ta' dan il-Kap, il-provi in sostenn ta' dan il-

Kap, b'mod partikolari t-terzi persuni allegatament involuti. Dan in-nuqqas iwassal sabiex b'hekk l-esponenti mhuwiex f'pozizzjoni li jiddefendi lilu nnifsu minn dan il-Kap tal-Att ta' Akkuza, wisq u wisq anqas il-provi li huwa jista' jkollu fil-pussess tieghu f'dan ir-rigward. Il-fatt li t-terzi mhumiex identifikati johloq ghalhekk zbilanc tali li l-principju ta' *equality of arms* gie mittiefes u *multo magis* ghalhekk, id-dritt tal-esponenti ghal smiegh xieraq f'dan ir-rigward ma jisatx isehh. Din l-eccezzjoni qed tinghata a tenur tal-artikolu 449(1)(b) tal-Kodici Kriminali limitatament ghal zball fl-Att ta' Akkuza u s-subartikolu (g) rigwardanti kull eccezzjoni preliminari ohra.

"D. Illi l-Magistrat li mexxa l-Inkjesta dwar l-*in genere* gie mitlub mill-Pulizija Ezekuttiva sabiex huwa jawtorizza lis-*service providers* tat-telefonija cellulari sabiex jaghtu informazzjoni rigwardanti n-numru ta' telefonija cellulari 79310685, sabiex jaghtu l-*localization* u l-*call profile* tal-linja ta' telefonija cellulari 79317396, sabiex jaghtu l-*call profile* tal-linji ta' telefonija cellulari 79293213 u 79285147 u sabiex jaghtu l-*localization* tal-linja cellulari 99834857. Illi x-xhud Martin Zammit ipprezenta Dok. MZ, Dok. MZ1 u Dok. MZ2 meta huwa ma kienx awtorizzat li jaghti dik l-informazzjoni. Illi x-xhud Alan Zammit iddepona in konnessjoni biss mad-dokumenti li pprezenta Martin Zammit. Illi di piu` Denise Formosa Gruppetta pprezentat Dok. FX1, FX2, FX3 u FX4. Illi Anthony Bonnici pprezenta Dok. ABY. In vista tal-fatt li sabiex *operator* tat-telefonija jkun jista' jaghti informazzjoni in konnessjoni ma' dettalji pertinenti ma' linja telefonika partikolari, anke fil-mori ta' investigazzjoni, jehtieg li l-Magistrat responsabbli mill-*in genere* jawtorizza tali ghotja ta' informazzjoni, jew minflok il-Magistrat Istruttur, ma tista' tingieb 'il quddiem l-ebda prova in konnessjoni ma' telefonija jekk tali prova ma tkunx legalment approvata qabel ma tingieb mill-Magistrat kompetenti. L-informazzjoni migjuba 'l quddiem mix-xhieda msemmija ma tikkombacjax mal-ordnijiet moghtija mill-Magistrat li mexxa l-*in genere* u qatt ma gie mitlub il-Magistrat Istruttur li jawtorizza tali esebir ta' dokumenti. Ghaldaqstant, id-deposizzjoni ta' dawn il-persuni u *multo magis* id-dokumenti minnhom esebiti, ma humiex legalment accettabbli bhala provi legalment ammissibbli, u

ghalhekk ghandhom ikunu mnehhija mill-atti ta' din il-kawza. Din l-eccezzjoni qed tinghata a tenur tal-artikolu 449(1)(g) tal-Kodici Kriminali rigwardanti kull eccezzjoni preliminari ohra."

**5.** L-ewwel Qorti cahdet dawn iz-zewg eccezzjonijiet wara li kkunsidrat:

"**L-Eccezzjoni Immarkata (A)**

"Li fl-eccezzjoni mmarkata bl-ittra A, l-akkużat jissottometti li r-raba' kap tal-Att tal-Akkuża huwa monk stante li l-elementi kostituttivi ta' delitt *de quo* ma humiex imsemmija skont il-Ligi u lanqas ma ngabu 'l quddiem la fil-parti narrativa wisq anqas fil-parti akkużatorja tal-Kap 4, il-provi in sostenn ta' dan il-Kap, b'mod partikolari t-terzi persuni allegatament involuti. Għalhekk l-akkużat mhux f'pożizzjoni li jiddefendi lilu nnifsu minn dan il-Kap tal-Att tal-Akkuża. Il-fatt li t-terzi mhumiex identifikati joħloq għalhekk żbilanc tali li l-principju tal-*equality of arms* gie mittiefes. Din l-eccezzjoni ngħatat a tenur tal-artikolu 449(1)(b) tal-Kap 9 limitatament għal żball fl-Att tal-Akkuża u s-subartikolu (g) rigwardanti kull eccezzjoni preliminari oħra.

"L-artikolu 449(1)(b) jgħid hekk:

"'eccezzjoni ta' nullita` jew ta' żball fl-att tal-akkuża'.

"L-artikolu 449 (1)(g) jgħid:

"'bla ħsara tad-dispożizzjoni tal-artikolu 446(1), kull eccezzjoni preliminari oħra.'

"Ikkonsidrat:

"Il-Qorti analizzat ir-raba' Kap tal-Att tal-Akkuża u sabet dan li gej:

"Li skont il-parti narrativa tar-raba' Kap l-akkużat kien avvicina 'numru ta' persuni' sabiex iwettqu l-omicidju volontarju ta' Patricia Attard. Fit-tieni paragrafu tal-parti

narrativa, l-Avukat Generali jirreferi għal ftehim magħmul mill-akkużat ma' terzi persuni biex jitwettaq l-omicidju ta' Patricia Attard fl-Aħrax tal-Mellieħa. Hemm spjegat ukoll li t-terza persuna kellha tistenna ħdejn il-vettura waqt li l-akkużat kellu jimbotta lil Patricia Attard għal isfel. Dan ma seħħx għax Patricia Attard ma resqitx lejn xifer l-irdum.

"Fit-tielet paragrafu l-Avukat Generali jgħid ta' xhiex Josef Grech sar ħati wara li kien espona l-fatti fil-parti narrativa. Huwa jgħid li l-akkużat sar ħati ta' assocjazzjoni ma' persuni biex jitwettaq delitt, jgħid ukoll x'inhu dan id-delitt u jgħid li dan id-delitt ma kienx esegwit minħabba xi ħaga accidentali u indipendenti mill-volonta` tal-ħati.

"Fir-raba' paragrafu l-Avukat Generali jgħaddi għall-akkuża formali billi jsemmi l-assocjazzjoni ma' persuna jew persuni f'Malta jew barra minn Malta bil-għan li jsir delitt – il-qtil jew li tpoggi l-ħajja ta' persuna f'perikolu car – t-tentattiv (li wera dan il-ħsieb b'atti esterni liema delitt ma kienx esegwit minħabba xi ħaga accidentali u indipendenti mill-volonta` tal-ħati).

"Fl-eccezzjoni sollevata mill-akkużat l-enfasi qegħda fuq li t-terzi persuni mhux imsemmija.

"Issa l-artikolu 589 tal-Kap 9 jelenka x'għandu jkun fih l-att tal-akkuża. Fis-subparagrafu (c) jgħid hekk:

"'(e) ifisser il-fatt li jikkostitwixxi r-reat, bil-partikolaritajiet li jkunu jistgħu jingħataw dwar iż-żmien u l-lok li fihom sar il-fatt u dwar il-persuna li kontra tagħha r-reat ikun sar, flimkien mac-cirkostanzi kollha, li skont il-ligi u fil-fehma tal-Avukat Generali, jistgħu ikabbru jew inaqqsu l-piena.'

"Fil-fehma tal-Qorti dan il-paragrafu b'ebda mod ma jistipula li bilfors iridu jissemmew il-persuni involuti b'isimhom kif qed jippretendi l-akkużat. L-Avukat Generali semma kemm iż-żmien kif ukoll il-lok li fihom allegat li sar il-fatt (bejn it-13 u l-14 ta' Frar 2004;

bil-lejl; l-Aħrax tal-Mellieħa) u l-fatt li allegat sar. Hemm dettalji biżżejjed biex l-akkużat jaf x'inhi sewwa l-akkuża. Il-Qorti ma qed tirraviża ebda perikolu li l-akkużat ma jafx biex qed ikun akkużat jew li hawn xi kwistjoni dwar xi nuqqas ta' *equality of arms*.

"Għaldaqstant il-Qorti ma qed issib ebda mankanza fl-Att tal-Akkuża u konsegwentement qed tiċħad l-eccezzjoni mmarkata (A) tal-akkużat.

**"Ir-Raba' Eccezzjoni**

"Fil-qosor l-akkużat qed jgħid li x-xhud Martin Zammit ippreżenta dokumenti li ma kienx awtorizzat li jippreżenta.

"Barra dan ix-xhud Alan Zammit iddepona in konnessjoni biss mad-dokumenti ippreżentati minn Martin Zammit.

"Di piu` Denise Formosa Gruppetta ppreżentat id-dokumenti FX1, FX2, FX3 u FX4.

"Anthony Bonnici ppreżenta dok ABY.

"L-akkużat jissottometti li :

"'Operatur tat-telefonija jkun jista' jagħti informazzjoni in konnessjoni ma' dettalji pertinenti ma' linja telefonika partikolari anke fil-mori ta' investigazzjoni, jinħtieg li l-Magistrat responsabbli mill-*in genere* jawtorizza tali għotja ta' informazzjoni anke fil-mori tal-investigazzjoni jew minflok il-Magistrat Istruttur, ma tista' tingieb l-ebda prova in konnessjoni ma' telefonija jekk tali prova ma tkunx legalment approvata qabel ma tingieb mill-Magistrat kompetenti.'

"'L-informazzjoni migjuba 'l quddiem mix-xhieda msemmija ma tikkombacjax mal-ordnijiet mogħtija mill-Magistrat li mexxa l-*in genere* u qatt ma gie mitlub il-Magistrat Istruttur li jawtorizza tali esibir ta' dokumenti.'

“Dwar din l-eccezzjoni ppreżentaw nota ż-żewg partijiet u l-Avukat Generali ippreżenta Nota fil-qasir li fiha prattikament għamel referenza għan-Nota tiegħu li kien ippreżenta fil-11 ta’ Marzu 2010.

“L-Avukat Generali ssottometta li l-Kap 440 jistipola li d-dispożizzjonijiet tal-imsemmi Att ma japplikawx għall-każ stante l-inapplikabilita` tal-Att espressa fl-artikolu 5(b) għall-attivitajiet tal-Istat fil-kamp tal-Ligi Kriminali.

“Ix-xhieda taw ix-xiehda tagħhom fil-parametri tal-awtorizazzjoni tal-Qorti. Mill-*proces verbal* jirriżulta li kemm il-Vodafone kif ukoll il-Maltacom kienu ‘awtorizzati’ sabiex ifornu informazzjoni lill-Pulizija in konnessjoni man-numru tal-linja cellulari 79310685. Il-Magistrat Inkwirenti awtorizza lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex jottjeni l-*call profiles* tan-numri 79285147 u 99834857.

“Martin Zammit huwa s-Senior Executive Engineer fil-GO Mobile.

“Alan Zammit huwa l-persuna responsabbli mid-Database.

“Id-dokument MZ huwa elenku tal-*localisations*.

“Id-dokument MZ1 huwa s-*site plans* ta’ fejn sar l-*localisations*.

“Denise Formosa Gruppetta esibiet dokumenti li huma elenku tat-telefonati li jinvolvu c-cellulari 99834857 filwaqt li Anthony Bonnici huwa d-Data Protection Co-ordinator ta’ Mobile Communications.

“Ix-xhieda taw informazzjoni mitluba mill-Pulizija u awtorizzata mill-Magistrat Inkwirenti u li ma tmurx oltre dak li awtorizza l-Magistrat Inkwirenti. (Ara nota tat-2 ta’ Mejju 2011).

“L-akkużat wiegeb billi elenka x’awtorizza l-Magistrat fl-*in genere*. Imbagħad ssottometta la l-Magistrat Istuttur u lanqas il-Magistrat li mexxa l-*in genere* ma ta xi awtorizzazzjoni sabiex ikunu ppreżentati tali dokumenti.

"L-akkużat irrefera wkoll r-regolament 19(3) tal-Avviż Legali 16 tas-sena 2003 li jesigi li 'Talba għal data issir bil-miktub u tkun cara u specifika.'

"Dwar din l-aħħar sottomissjoni tal-akkużat, l-Avukat Generali qal li r-regolament 19(3) tal-imsemmi Avviż Legali żdied bl-Avviż Legali 198 tas-sena 2008 u daħal fis-seħħ fid-29 t'Awwissu 2008. Għalhekk dak li kien iriegi fiż-żmien in kwistjoni kien l-artikolu 5(b) tal-Kap 440.

"Ikkonsidrat:

"Dawn l-argumenti jew sottomissjonijiet kollha jistgħu jingħasru fi ftit kliem. L-akkużat qed jisħaq li l-informazzjoni mogħtija minn certa xhieda ma tikkombacjax ma' dak li kien awtorizzat mill-Magistrat Inkwirenti u li ebda Magistrat ma ta xi awtorizzazzjoni sabiex ikunu ppreżentati tali dokumenti.

"L-ewwelnett l-informazzjoni żgur qegħda fil-parametri mogħtija mill-Magistrat li jagixxi fuq talba specifika li tkun saret mill-ufficjal investigattiv. Aktar milli jawtorizza l-Magistrat Inkwirenti **jordna li jingħata t-tagħrif. Hawn qegħdin fil-kamp Kriminali u mhux dak civili u fejn il-Legislatur ħaseb apposta sabiex il-kunfidenzjalita` li jagħti l-Kap 440 ma tkunx tapplika fejn qed issir investigazzjoni kriminali.**

**"L-Ordni tal-Magistrat Inkwirenti huwa miftuħ għal dak kollu li jista' jirriżulta mit-tagħrif miksub li għandu x'jaqsam mat-telefon jew telefoni cellulari. Kemm id-difiża u kemm il-Prosekuzzjoni semmew l-istess numri.**

"Għalhekk il-Qorti mhix qed tara kif ix-xhieda jew id-dokumentazzjoni ppreżentata tista' b'xi mod titqies bħala ma tikkombacjax mal-ordni. Hawn id-difiża qed [*recte:* qatt] ma spjegat fhiex jikkonsisti n-nuqqas ta' qbil mal-ordni iżda baqgħet vaga għall-aħħar.

"Id-Difiża llamentat in-nuqqas ta' awtorizzazzjoni da parti ta' xi Magistrat biex tingħata x-xhieda mill-persuni msemmija jew li jippreżentaw id-dokumenti.

"Bir-rispett kollu, ma kien hemm ebda bżonn ta' xi awtorizzazzjoni oħra galadarba l-Magistrat Inkwirenti kien ħareg id-digriet li huwa ordni fuq innifsu li trid tkun obduta **nolens volens**. Jekk qed tingħata ordni ma hemm bżonn ta' ebda awtorizzazzjoni. Anzi jkun hemm sanzjoni għal disprezz lejn il-Qorti jekk din l-ordni ma tkunx obduta.

"Barra dan id-dokumenti huma r-riżultat tal-ordni li ggorr fiha mhux biss l-ordni principali imma wkoll dawk l-effetti konsegwenzjali li jemanaw mill-ordni."

**6.** Fir-rikors ta' appell tieghu l-appellant isostni, dwar l-ewwel eccezzjoni tieghu, illi l-elementi kostitutivi tad-delitt *de quo* ma ssemmewx skont il-ligi, u ma ngabux la fil-parti narrativa u lanqas fil-parti akkuzatorja, il-provi in sostenn tar-Raba' Kap., b'mod partikolari ma ssemmewx it-terzi persuni allegatament involuti. Dak li qieghed jilmenta minnu l-appellant fil-fatt huwa illi fir-Raba' Kap imkien ma jissemmew l-isem jew l-ismijiet tal-persuna jew persuni li allegatament kienu involuti mieghu fl-assocjazzjoni. Dan, jghid l-appellant, jikkostitwixxi difett sostanzjali fid-deskrizzjoni tal-fatti li johloq pregudizzju serju ghax mhuwiex f'posizzjoni li jiddefendi lilu nnifsu.

**7.** Issa, l-artikolu 589 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta jelenka dak li ghandu jkun fih l-Att ta' l-Akkuza. Il-paragrafu (c) ta' dak l-artikolu jipprovdi specifikatament li l-att ghandu **"ifisser il-fatt li jikkostitwixxi r-reat, bil-partikularitajiet li jkunu jistghu jinghataw dwar iz-zmien u l-lok li fihom ikun sar il-fatt u dwar il-persuna li kontra taghha r-reat ikun sar, flimkien mac-cirkostanzi kollha li, skond il-ligi u fil-fehma ta' l-Avukat Generali, jistghu jkabbru jew inaqqsu l-piena"**.

**8.** Din il-Qorti ezaminat ir-Raba' Kap ta' l-Att ta' l-Akkuza u hija tal-fehma li l-ewwel Qorti ghamlet analizi tajba tal-mod kif inhu redatt dan ir-Raba' Kap. M'hemm l-ebda dubju li l-fatt li jikkostitwixxi r-reat huwa mfisser tajjeb, jinghataw il-

partikularitajiet ta’ zmien u ta’ lok meta u fejn sehh l-allegat fatt, tissemma l-vittma, u jissemma dak kollu mehtieg ghal dak li jirrigwarda l-piena. Jigifieri l-vot tal-ligi huwa pjenament sodisfatt. Huwa minnu li fit-tieni paragrafu l-ewwel jissemmew “terzi persuni” mbaghad “terza persuna”, izda jidher illi l-Avukat Generali ried jirreferi ghal persuna wahda. Huwa minnu wkoll illi ma jissemmiex l-isem tat-terza persuna u ma jidher illi kien hemm xejn x’izomm lill-Avukat Generali li jsemmi l-isem ta’ din it-terza persuna. Dan, pero`, ma jrendix ir-Raba’ Kap. monk.

**9.** L-appellant jirreferi ghas-sentenza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta’ Malta v. Abuagila KH. Elwahishi** moghtija mill-Qorti Kriminali fil-11 ta’ Jannar 2010. Din is-sentenza giet ikkonfermata minn din il-Qorti fis-6 ta’ Mejju 2010. F’dik il-kawza it-terza jew terzi persuni ma kinux maghrufin u ghalhekk ma setghux jissemmew. Jekk ikunu maghrufa huwa certament rakkomandabbli li jissemmew. Izda ma jfissirx li jekk ikunu maghrufa u ma jissemmewx b’isimhom, dan irendi l-akkuza nulla jew monka. Wara kollox l-atti huma kompilati u minn hemm jirrizulta l-isem tal-persuna allegatament involuta u konsegwentement l-appellant ma jista’ jsofri l-ebda pregudizzju. Ghalhekk, filwaqt illi l-aggravju ta’ l-appellant dwar l-ewwel eccezzjoni qieghed jigi respint, din il-Qorti terga’ ssostni li jekk it-terza persuna allegatament assocjata ma’ l-akkuzat tkun maghrufa u identifikata lill-Avukat Generali, huwa rakkomandabbli li l-Avukat Generali jsemmiha b’isimha.

**10.** B’referenza ghar-raba’ eccezzjoni, l-appellant jghid li ma jaqbilx ma’ dak li qalet l-ewwel Qorti li x-xhieda msemmija u l-konsegwenzjali informazzjoni qieghda fil-parametri moghtija mill-Magistrat li jagixxi fuq talba specifika li tkun saret mill-ufficjal investigattiv. Jghid ukoll li l-awtorizzazzjoni nghatat lis-socjeta` Maltacom u mhux lil Go Mobile jew ahjar Mobile Communications Ltd, u li l-informazzjoni kollha li nghatat mhijiex ezattament skond l-awtorizzazzjoni moghtija.

**11.** Fil-fehma ta’ din il-Qorti dan huwa aggravju mgebbed ghall-ahhar u jirrazenta l-frivolu u vessatorju. L-appellant

jirreferi ghal dak li hemm imnizzel fil-process verbal. Din il-Qorti, pero`, sejra tirreferi ghad-Dok. T li gie esebit mill-Avukat Dottor Robert Tufigno ghan-nom ta’ Mobile Communications Ltd. F’dan id-dokument insibu kopji ta’ rikorsi u digrieti miktubin *di proprio pugno* mill-Magistrat Inkwirenti Dr. Joe Apap Bologna. Se ssir referenza ghalihom kronologikament:

(i) A fol. 545 – kopja ta’ rikors tal-Kummissarju tal-Pulizija pprezentat fl-14 ta’ Frar 2004 fejn talab li tinghata awtorizzazzjoni lis-socjetajiet Vodafone, Go Mobile u Maltacom biex ifornu informazzjoni dwar telefonati li saru lejn kif ukoll dawk li saru mil-linja cellulari tal-mejta Patricia Attard numru 79310684. Il-Magistrat Inkwirenti laqa’ t-talba kif dedotta b’digriet ta’ l-istess data;

(ii) A fol. 532 – kopja ta’ rikors tal-Kummissarju tal-Pulizija pprezentat fis-16 ta’ Frar 2004 fejn talab li jigi awtorizzat il-process ta’ lokalizzar ta’ minn fejn kienu saru zewg telefonati lil-linja cellulari ta’ Patricia Attard minn fuq il-linja cellulari 79317396 u sabiex isir il-*call profile* ta’ l-imsemmi numru 79317396 ghall-perijodu bejn it-13 ta’ Frar 2004 u l-14 ta’ Frar 2004. Il-Magistrat Inkwirenti laqa’ t-talba kif dedotta b’digriet ta’ l-istess data;

(iii) A fol. 544 – kopja ta’ rikors tal-Kummissarju tal-Pulizija pprezentat fis-17 ta’ Frar 2004 fejn talab li jigi awtorizzat jottjeni minghand is-*service providers* koncernati l-*call* u *sms profiles* tan-numri 99834857, 21441465, 79239692 u 21239692. Il-Magistrat Inkwirenti laqa’ t-talba kif dedotta b’digriet ta’ l-istess data;

(iv) A fol. 511 – kopja ta’ rikors tal-Kummissarju tal-Pulizija pprezentat fl-24 ta’ Frar 2004 fejn talab li jigi awtorizzat jottjeni *call profile* ghan-numru 79293213. Il-Magistrat Inkwirenti laqa’ t-talba b’digriet ta’ l-istess data;

(v) A fol. 515 – kopja ta’ rikors tal-Kummissarju tal-Pulizija pprezentat fil-25 ta’ Frar 2004 fejn talab li jigi awtorizzat jottjeni *call profile* ghan-numru 79285147 ghall-perijodu bejn l-1 ta’ Dicembru 2003 u l-25 ta’ Frar 2004. Il-

Magistrat Inkwirenti laqa’ t-talba kif dedotta b’digriet ta’ l-istess data;

**12.** Minn dan jirrizulta li bir-rikors ta’ l-14 ta’ Frar 2004 anke l-Go Mobile gie nkluz fir-rigward tal-mobile ta’ Patricia Attard u, fi kwalunkwe kaz, il-Go hija s-successur tal-Maltacom. L-appellant jghid li ma giex segwit l-ordni moghti u di piu` l-vot ta’ l-artikolu 346 tal-Kodici Kriminali ma giex rispettat. Waqt trattazzjoni orali l-abbli difensur ta’ l-appellant jghid illi kull ma ngab fir-rigward l-mobile tal-vittma kien il-lokalizzar ta’ l-ahhar zewg telefonati. Din il-Qorti ma taqbilx ghax mill-istess Dok. T jirrizulta li ngabu wkoll l-*incoming and outgoing calls and sms reports*.

**13.** Dwar in-numri 79317396 u 79293213 l-appellant jilmenta li ma ngabux biss il-*call profiles* izda anke l-IMEI, cioe` l-*International Mobile Equipment Identity*. Fil-fehma ta’ din il-Qorti tali informazzjoni hija informazzjoni ancillari ghal dik mitluba u ma tara xejn irregolari fil-produzzjoni ta’ dawn in-numri.

**14.** Dwar in-numru 79285147 l-appellant jghid li ma ngabet l-ebda informazzjoni. L-appellant huwa zbaljat peress illi din l-informazzjonmi tifforma parti mid-Dok. T.

**15.** Dwar in-numru 99834857 jghid li gie ordnat il-lokalizzar ta’ kjamati mentri dak li ngab huwa l-*call profile*. Hawn ukoll huwa zbaljat peress illi dak li gie awtorizzat jew ordnat kien proprju l-*call and sms profiles*.

**16.** Ghalhekk, tenut kont ta’ dak li qieghed jigi deciz, u cioe` li l-informazzjoni li nghatat kienet taqa’ fil-parametri ta’ dak li gie awtorizzat, ma hux necessarju li din il-Qorti tidhol biex tikkunsidra jekk tali awtorizzazzjoni kinitx mehtiega jew le, u konsegwentement anke t-tieni aggravju huwa michud.

**17.** Ghaldaqstant l-appell ta’ l-akkuzat Joseph sive Josef Grech qieghed jigi respint.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------